MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-12 ta' Gunju, 2013

Numru. 914/2012

Il-Pulizija
(Sp Edmond Cuschieri)
vs
Salvatore sive Saviour Falzon, iben Pacifico, imwieled il-Mosta fil-11 ta’ Awwissu, 1934, karta ta’ l-identita’ numru 565634(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat:
1. talli f’dawn il-Gżejjer fit-18 ta’ Awwissu, 2011, fi Triq il-Kbira, Mellieħa, għal ħabta tat-12.45, waqt li kien qiegħed isuq vettura, bin-numru tar-reġistrazzjoni SAM 001, tal-għamla Daihatsu Terios b’nuqqas ta’ ħsieb, bi traskuraġni jew b’nuqqas ta’ ħila fl-arti jew professjoni tiegħu jew b’nuqqas ta’ tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjamentikkaġuna offiżi ta’ natura gravi li kkaġunaw debulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni

ta’ xi parti mill-ġisem tal-persuna ta’ Christel Margaretha Johanna Vanheusden, skont kif iċċertifika Dr. Paul Zammit ta’ l-Isptar Mater Dei;

2. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi waqt li kien qiegħed isuq vettura, bin-numru tar-reġistrazzjoni SAM 001, tal-għamla Daihatsu Terios b’nuqqas ta’ ħsieb, bi traskuraġni jew b’nuqqas ta’ ħila fl-arti jew professjoni tiegħu jew b’nuqqas tat-tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkaġuna ħsara fuq il-vettura, bin-numru tar-reġistrazzjoni OSM 004, tal-għamla Suzuki għad-dannu ta’ Paul Henri Christian Selis u jew persuni oħra;

3. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi waqt li kien qiegħed isuq vettura, bin-numru tar-reġistrazzjoni SAM 001, tal-għamla Daihatsu Terios b’nuqqas ta’ ħsieb, bi traskuraġni jew b’nuqqas ta’ ħila fl-arti jew professjoni tiegħu jew b’nuqqas tat-tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkaġuna ħsara fuq il-vettura, bin-numru tar-reġistrazzjoni JDS 002, tal-għamla Toyota għad-dannu ta’ John Sammut u jew persuni oħra;

4. talli fl-sitess data, ħin, lok u ċirkostanzi saq l-imsemmija vettura, bin-numru tar-reġistrazzjoni SAM 001, tal-għamla Daihatsu Terios b’nuqqas ta’ kont, bi traskuraġni jew b’mod perikoluż.

Il-Qorti ġiet mitluba li f’każ ta’ sejbien ta’ ħtija sabiex tiskwalifika lill-ħati mill-liċenzji kollha tiegħu tas-sewqan u biex tapplika l-provvedimenti tal-artikolu 41 tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta’ Malta fil-konfront ta’ l-imputat lejn il-vittmi.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta’ Ġunju, 2013 fejn l-imputat ammetta l-akkuzi miġjuba kontra tiegħu.

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta’ Ġunju, 2013 fejn il-parte ċivile nfurmat il-Qorti li ma għandha ebda interess f’din il-kawża mingħajr preġudizzju għad-drittijiet ċivili tagħha.

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta’ Ġunju, 2013 fejn il-Qorti ġiet infurmata li l-kumpanija assikuratriċi ta’ l-imputat assumiet ir-responsabilita’ tal-klijent tagħhom, l-imputat.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukata ta’ l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 226 u 328(b) tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 15(2) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta’ Malta. Rat l-eta’ ta’ l-imputat, il-fedina penali netta u l-ammissjoni bikrija. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tlett snin mil-lum. Minbarra dan, tiskwalifika lill-imputat milli jkollu kwlaunkwe liċenzja tas-sewqan għal perjodu ta’ ħames snin mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------